MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tat-22 ta' Frar, 2011

Avviz Numru. 371/2010

**Tessie Incorvaja**

**Vs**

**L-Awtorita' ghat-Trasport f'Malta (Transport Malta)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikros ta' Tessie Incorvaja pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti nhar il-hamsa (5) t'Ottubru, 2010 fejn esponiet is-segwenti:

*"Illi hija giet notifikata bl-ittra ufficjali numru 3625/2010 datata 16 ta' Settembru, 2010 mibghuta mill-Awtorita' ghat-Trasport f'Malta (Transport Malta) a tenur tal-Artikolu 57 tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta u filwaqt li saret referenza ghall-fatt li l-licenzja ghac-cirkolazzjoni tal-vettura taghha bin-numru ta' registrazzjoni LAW-303 kienet skadiet l-1 ta' Jannar 2003 giet interpellata sabiex fi*

*zmien tletin (30) gurnata min-notifika thallas is-somma ta' hames mija w wiehed u disghin Ewro w ghaxar centezmi (€591.10c) rapprezentanti drittijiet ta' licenzja dovuta mill-1 ta' Jannar 2003 jew altrimenti tibda procedure peremzz ta' Rikors ipprezentat kontra l-Awtorita' sabiex toggezzjona ghal din l-ittra ufficjali (Ara Dok. A hawn unit).*

*Illi permezz ta' l-istess ittra ufficjali l-esponenti giet imwissija ulterjorment illi, a tenur tar-Regolament 14(4) tar-Regolamenti dwar ir-Registrazzjoni u Licenzjar ta' Vetturi bil-Mutur (Avviz Legali 198 tas-sena 2009 kif emendat bl-Att XV tas-sena 2009 – (L.D. 368.02 tal-Ligijiet ta' Malta), sejra tibqa' tigi mposta multa amministrattiva ta' €2 ghal kull gurnata li d-dritt ghal-licenzja taghha jibqa' mhux imhallas, liema multa amministrattiva bdiet tiddekorri mill-1 t'Ottubru 2009 u li sal-31 ta' Awissu 2010 kienet tammonta ghal sitt mija u tmienja u sittin Ewro (€668).*

*Illi l-esponenti tixtieq toggezzjona ghall-avviz moghti lilha permezz ta' l-imsemmija ittra ufficjali numru 3625/2010 u dana peress illi l-vettura taghha targata LAW-303 kienet giet skrappjata ghand Pilatu ta' Hal-Tarxien u ghalhekk fit-2 ta' Settembru 2002 hija kienet ikkonsenjat il-pjanci tal-imsemmija vettura taghha fil-Licensing and Testing Department u tathom lill-impjegat Christopher Darmanin.*

*Ghaldaqstant l-esponenti titlob bir-rispett li din l-Qorti joghgobha:*

*Tiddikjara illi l-pjanci tal-vettura taghha targata LAW-303 kienu gew ikkonsenjati fil-Licensing and Testing Department;*

*u*

*Konsegwentement tannulla w thassar l-Avviz moghti lill-esponenti permezz ta' l-ittra ufficjali numru 3625/2010 datata s-16 ta' Settembru 2010 biex thallas kemm is-somma ta' €591.10c bhala drittijiet tal-Licenzja tal-vettura targata LAW-303 mill-1 ta' Jannar 2003, u kif ukoll il-multa amministrattiva ta' €2 ghal kull gurnata li d-dritt tal-licenzja*

*ma kinitx imhallsa u li mill-1 t'Ottubru 2009 sal-31 t'Awissu 2010 kienet tammonta ghal €668.*

*Bl-ispejjez."*

Rat id-digriet taghha tas-7 t'Ottubru, 2010 fejn appuntat ir-rikors ghas-smiegh ghas-7 ta' Dicembru, 2010 b'dan li l-Awtorita' ntimata kellha tipprezenta r-risposta taghha fi zmien hmistax-il jum mid-data tan-notifika tar-rikors lilha.

Rat ir-risposta tal-Awtorita' ghat-Trasport f'Malta, pprezentata fl-20 t'Ottubru, 2010, fejn esponiet is-segwenti:

*1. "Illi fl-ewwel lok, ir-rikorrenti trid tipprova l-allegazzjonijiet maghmula minnha fir-rikors taghha.*

*2. Fit-tieni lok, mill-file ta' l-Awtorita' ma jirrizultax li saret il-formola appozita ta' l-iskrappjar, kif lanqas ma l-Awtorita' ma sabet xi record li hija kienet inghatat il-pjanci relattivi w dan kuntrarjament ghal dak li qieghed jigi allegat mir-rikorrenti.*

*3. Illi ghalhekk, gjaladarba ma hemm xejn minn dan kollu, u gja ladarba l-Awtorita' ntimata ma nghatatx l-avviz rikjest mil-Ligi, r-rikorrenti hija obbligata li thallas dak dovut minnha skond il-Ligi.*

*4. Fir-rigward tal-penali ta' €2 kuljum imposti a tenur tar-Regolament 14(4) tar-Regolamenti dwar ir-Registrazzjoni u Licenzjar ta' vetturi bil-Mutur (L.S. 368.02) gie ndikat lir-rikorrenti, u dana sabiex tigi mwissija li hemm din il-multa amministrattiva ghaddejja. Dan l-ammont li sal-jum (18 t'Ottubru, 2010) jammonta ghal €764, ma jiffurmax parti mill-ammont dovut u rikjest fl-ittra ufficjali a tenur tal-Artikolu 57 tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta. F'kull kaz, dak li tallega r-rikorrenti fuq dan il-punt ma huwmiex minnu, la fattwalment u lanqas legalment.*

*Ghaldaqstant, l-Awtorita' ntimata titlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti, sabiex in vista tal-premess u ghal*

*ragunijiet ohra li jistghu jingiebu quddiemha, tichad it-talbiet kontenuti fir-rikors, bl-ispejjez kontra r-rikorrenti.”*

Rat illi fis-seduta tas-sebgha (7) ta’ Frar, 2011 xehed **Leonard Incorvaja**, zewg ir-rikorrenti Tessie Incorvaja li kkonferma li l-vettura LAW 303 kienet tappartjeni lil martu. Ftakar li fit-tnejn (2) ta’ Settembru 2002 kien mar il-Licencing Office; kien ha l-pjanci hemmhekk u kkonsenjahom lil Christopher Darmanin u kien iffirma dokument li kien se jiskrappja l-karozza, w dan dejjem f’isem il-mara, w minn dak iz-zmien ‘il hawn ma semghu xejn. Il-vettura mbaghad sussegwentement skrappjawha w kienu haduha ghand persuna maghrufa bl-isem ta’ Pilatu. Mit-tnejn (2) ta’ Settembru ‘l hawn ma semghu xejn aktar fuq din il-vettura salv meta rcevew l-ittra ufficcjali ta’ *Transport Malta*.

Mistoqsi kif jiftakar id-data w lil min kien kellem jghid illi kien kiteb notament fuq il-licenzja ta’ karozza ohra li ghandu. Ftakar ukoll li meta kellem lil dan Darmanin, dan kien ghajjat lill-persuna li kien hemm bilqieghda fuq l-iskrivanija warajh u ghaddihom lilu l-pjanci. Mistoqsi jekk Christopher Darmanin tahx ircevuta tal-pjanci, jghid illi ma jiftakarx, pero’ qal li jista’ jkun li li kien tah.

Mistoqsi jekk ghandux dokumentazzjoni dwar l-iscrap tal-karozza ma’ Pilatu jghid illi llum ma jafx x’dokumenti ghandu. Ftakar li dan Pilatu kien tah ghaxar liri (Lm10) tal-iscrap u anke li l-ewwel kont mar ghand Christopher Darmanin u tah il-pjanci w il-log book, ghalkemm ma kienx cert minn dan. Qal li xi xahrejn wara, meta l-karozza kien ghad ghandha licenzja tajba ghal xi sitt xhur wara, kien cempel lil Pilatu w dan kien mar jigborha. Sostna li kien mar bl-identity card tieghu u tal-mara ghand l-ADT ghax huma ghandhom prokura li jiffirmaw lil xulxin.

Xehed ukoll **Brian Farrugia** in rapprezentanza tal-Awtorita’ ghat-Trasport f’Malta. Dwar il-vettura LAW 303 jghid illi din hija tal-ghamla *Honda Civic* u ghadha registrata sal-lum f’isem Tessie Incorvaja. Jghid illi mill-

file ma jirrizulta xejn dak li qal Leonard Incorvaja llum fix-xhieda tieghu.

Spjega li l-procedura hi li meta bniedem imur biex jiskreppja karozza, irid jiehu mieghu il-log book, il-pjanci, l-licenzja tal-windscreen, u huma jtuh formola sabiex jiffirma fuqha. Naturalment irid jiffirma l-owner tal-vettura. Jghid illi minn dawn id-dokumenti kollha ma jirrizulta li hemm l-ebda wiehed minnhom fil-file.

Qal ukoll illi l-formola mbaghad tinzamm fil-file u tohrog ricevuta komputerizzata w tinghata lill-klijent li l-vettura hija scrapped. Qal li s-sistema komputerizzata ilha mill-1995. Fil-file ikun hemm hard copy u jkun hemm soft copy fil-computer system. Il-licenzja skadiet f'Dicembru tas-sena elfejn u tnejn (2002).

Ikkonferma li kien hemm Charles Darmanin jahdem hemmhekk u zied li dan waqaf minn maghhom xi sentejn u nofs, tlett snin ilu. Stqarr li seta' kien li s-Sur Incorvaja seta' ha l-plates lil dan is-Sur Darmanin.

Ikkunsidrat:

Illi f'dan ir-rikors ir-rikorrenti qed tghid li hija kienet informat lill-Awtorita' li kienet ser tiskrappja l-vettura taghha, tant li zewgha Leonard sahansitra kien anke ha l-pjanci tal-vettura taghha LAW 303 u kkonsenjahom lil certu Christopher Darmanin fi hdan l-Awtorita', w dan nhar it-2 ta' Settembru 2002.

Ir-rikorrenti ressqet lil zewgha jixhed u dan ikkonferma li kien hu li kien ikkonsenja n-*number plates* qabel ma giet skrappjata l-vettura. Mistoqsi jekk inghatax ricevuta qal li seta' kien il-kaz, pero' ma jiftakarx.

Min naha l-ohra, l-Awtorita' ntimata ressqet lil Brian Farrugia jixhed u jghid li verament kien hemm certu Christopher Darmanin jahdem mal-Awtorita', pero' spjega li l-procedura kienet titlob aktar milli semplici ritorn ta'

*number plates*. Jghid li fil-file tal-vettura ma jirrizultax li hemm kopja tal-*log book* kif kien ikun hemm kieku l-vettura giet skrappjata skond il-ligi w in oltre suppost ikun hemm ukoll notament fis-sistema tal-kompjuter li lanqas ma hemm. Jghid li mill-file tal-Awtorita' ma jirrizulta xejn minn dan li qed tallega r-rikorrenti.

Il-Qorti taghmel referenza wkoll ghall-Artikolu 57. (1) tal-Kap. 65 tal-Ligijiet ta' Malta li jipprovdi s-segwenti:-

"*Sid ta' vettura bil-mutur li jonqos li jgedded il-licenzja relattiva ghall-imsemmija vettura bil-mutur, bla hsara ghar-responsabbiltà tieghu ghal piena kriminali taht din l-Ordinanza jew taht xi ligi ohra, ghandu jkun ukoll, u ghandu jitqies li dejjem kien, responsabbli civilment lejn l-Awtorità ghall-hlas ta' l-ammont dovut ghad-dritt tal-licenzja rilevanti*."

Illi ghalhekk skond dan l-artikolu tal-ligi sid il-vettura, li f'dan il-kaz hija r-rikorrenti stante li hija r-*registered owner,* hija responsabbli civilment ghal hlas ta' licenzji w ghalhekk ghandha tinzamm responsabbli ghal dan in-nuqqas taghha. Illi huwa minnu li din il-Qorti hija rinfaccjata b'zewg versjonijiet tal-fatti, pero' hija r-rikorrenti li trid tipprova l-kaz taghha, w dan a bazi tal-principju *onus probanti incumbit.*

Issir referenza hawnhekk ghas-sentenza moghtija fit-28 ta' April 2004 fl-ismijiet **FRANK GIORDMAINA MEDICI ET vs WILLIAM RIZZO ET** deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili dwar xi prova ghandu jressaq rikorrent u gie ritenut li:-

"*Huwa principju assodat fil-gurisprudenza li f' kaz ta' zewg verzjonijiet diametrikalment opposti u li jkunu plawsibbli jew possibbli dan jiffavorixxi l-konvenuti in bazi ghal principju li onus probanti incumbit ei qui dicit non ei qui negat. Huwa l-attur li jrid jipprova l-fatti minnu premessi u allegati fic-citazzjoni. Mill-banda l-ohra pero', il-grad ta' prova rikjest fil-kamp civili, b'differenza minn kawzi kriminali fejn il-ligi tesigi li l-prova tal-htija ghandha tirrizulta minghajr dubju rajonevoli, fil-kamp civili huwa*

*bizzejjed li jkun hemm certezza morali f' mohh il-gudikant. Din c-certezza morali rikjesta f' kawzi civili hija l-effett tal-bilanc tal-probabilitajiet. Mera possibilita' mhux sufficjenti biex tirradika r-responsabilita' civili.*

*Il-konflitt fil-provi huma haga li l-Qrati jridu minn dejjem ikunu lesti ghaliha. Il-Qorti ghandha tezamina jekk xi wahda miz-zewg versjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji tal-kredibilita' u specjalment dawk tal-konsistenza u verosimiljanza, ghandhiex teskludi lill-ohra, anke fuq il-bilanc tal-probabilitajiet, u tal-preponderanza tal-provi, ghax dawn, f'kawzi civili, huma generalment sufficjenti ghall-konvinciment tal-gudikant.*

*Fil-kamp civili ghal dak li hu apprezzament tal-provi, il-kriterju ma huwiex dak jekk il-gudikant assolutament jemminx l-ispjegazzjonijiet forniti lilu, imma jekk dawn l-istess spjegazzjonijiet humiex, fic-cirkostanzi zvarjati tal-hajja, verosimili. Dan fuq il-bilanc tal-probabilitajiet, sostrat baziku ta' azzjoni civili, in kwantu huma dawn, flimkien mal-proponderanza tal-provi, generalment bastanti ghall-konvinciment. Ghax kif inhu pacifikament akkolt, ic-certezza morali hi ndotta mill-preponderanza tal-probabilitajiet. Dan ghad-differenza ta' dak li japplika fil-kamp kriminali fejn il-htija trid tirrizulta minghajr ma thalli dubju ragjonevoli."*

Illi ghalhekk in vista ta' dak li xehed Brian Farrugia, din il-Qorti mhix konvinta li effettivament ir-rikorrenti kienet verament infurmat lill-Awtorita' ntimata dwar l-intenzjoni taghha li tiskrappja l-vettura taghha LAW 303, u dan ghaliex issibha difficli temmen li allura lanqas dokument wiehed ma jinsab f'idejn l-Awtorita'. Ir-rikorrenti messha zammet ir-ricevuta li nghatat sabiex tipprova l-kaz taghha ghas-sodisfazzjoni tal-Qorti.

**Ghalhekk in vista tas-suespost, din il-Qorti tiddeciedi billi tichad it-talbiet rikorrenti w tilqa' l-eccezzjonijiet intimati b'dan illi tordna li l-ittra ufficcjali numru 3625/10 datata 16 ta' Settembru 2010 tigi reza ezekuttiva ai termini tal-Artikolu 57 (3) tal-Kap. 65 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**L-ispejjez ta' dawn il-proceduri huma a karigu tar-rikorrenti. L-imghax ghandu jibda jiddekorri mid-data meta l-ittra ufficcjali fuq imsemmija numru 3625/10 giet notifikata lir-rikorrenti.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------